# KUMITAT AMMINISTRATTIV

**Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033**
Tel: 21373111  Fax: 21373444
**email:** sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 02/KA1/10

**Nru tal-laqgħa minn 12/07/'10 – 09/08/'10 2**

**Nru ta' seduti minn 12/07/'10 – 09/08/'10 2**

## 1. Introduzzjoni

1.01 Minuti tal-laqgħa li saret nhar it-Tnejn 9 t'Awwissu 2010.

1.02 Il-Kumitat Amministrattiv iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, Triq Forrest, San Ġiljan, fl-10.00 a.m..

1.03 Preżenti: Iċ-Chairperson Richard Scicluna
Il-Viċi-Chairperson Joe De' Conti Manduca
Membru Carmel Agius
Membru Joseph Oliva

Is-Sindku Peter Bonello
Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker
L-iskrivana Marisa Micallef.

1.04 Assenti: Il-Membru Karl Consiglio.

1.05 Preżenza tal-Pubbliku:- (1).

## 1.1 Talba

1.1.01 Inqrat it-Talba

## 1.2 Aġenda

1.2.01 Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ġie ppublikat fit-3 t'Awwissu 2010. l-Aġenda kienet hekk:

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Komunikazzjoni miċ-Chairman
3. Budget
4. Residential Parking
5. Xogħolijiet infrastrutturali
6. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-kontijiet
7. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

**1.3 Approvazzjoni tal-Minuti**

1.3.01 Iċ-Chairman ressaq il-Minuti 01/KA1/10 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Viċi-Chairman ressaq emenda sabiex f'paġna 1, artiklu 1.03 minflok **"Conti De Manduca"** jitniżżel **"De' Conti Manduca".**

1.3.03 Il-Membru Carmel Agius issekondah.

1.3.04 Il-Kumitat qabel unanimament.

1.3.05 Iċ-Chairman ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti 01/KA1/10 kif emendati.

1.3.06 Il-Membru Carmel Agius issekondah.

1.3.07 Il-Kumitat qabel unanimament.

**2. Komunikazzjoni miċ-Chairman**

2.01 Iċ-Chairman ġab għall-attenzjoni tal-Kumitat il-korrispondenza rif. 3994/10 li titratta dwar il-minuti u l-laqgħat tal-Kumitat Amministrattiv li tgħid:-

- Il-minuti tal-Kumitat Amministrattiv jinġabu a konjizzjoni tal-Kunsill meta jkunu approvati uffiċjalment mill-Kumitat Amministrattiv. Huwa dmir tas-Segretarju Eżekuttiv li jġib a konjizzjoni tal-Kunsill id-deċiżjonijiet finali li jkunu ttieħdu mill-Kumitat Amministrattiv fil-laqgħa ta' qabel.

- Jekk isiru laqgħat informali għall-membri kollha tal-Kumitat Amministrattiv is-Sindku għandu jkun infurmat u mistieden jattendi. Dawn il-laqgħat informali għandhom isiru biss f'każ ta' bżonn u mhux bħala regola. M'għandiex tinbeda l-prattika li jsiru laqgħat informali.

**3. Budget**

3.01 Il-Kumitat ġie pprezentat b'kopja tad-dokument tal-**Allokazzjoni Finanzjarja Kumitat Amministrattiv Paceville (Lulju – Dicembru 2010)** Ara Appendiċi 'A'.

3.02 Il-Kumitat ġie nfurmat illi l-Kunsill qiegħed fil-proċess li jagħżel kuntrattur ġdid għall-kuntratt tal-**Knis u Tindif tat-Toroq** filwaqt li nħarġet sejħa għall-offerti għall-**Manutenzjoni tat-Toroq**. Din tagħlaq fis-7 ta' Settembru 2010.

**4. Residential Parking**

4.01 Il-Kumitat ġie nfurmat li jeżisti A.L. 200 tal-2009 rigward **ir-Regolamenti tal-2009 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Skemi ta' Ipparkjar Kontrollat (Residenzjali u Kummerċjali)** Ara Appendiċi 'B'**.**

4.02 Il-Kumitat iddiskuta l-problema ta' l-ipparkjar f'Paceville u wera l-ħsieb li 'l-quddiem jista jagħti l-kaz li jagħmel Bye-Laws sabiex jiġi evitat l-inkonvenjent lill-pubbliku.

**5. Xogħolijiet Infrastrutturali**

5.01 Iċ-Chairman għarraf lill-kumitat li fejn saret il-lukanda The George ġewwa Paceville tkisser il-pavimentar waqt il-kostruzzjoni tal-lukanda. Għalhekk huwa avviċina lis-Sur Spiteri, rappreżentant tal-lukanda The George, sabiex din tiġi rrangata għas-spejjeż tagħhom. Iċ-Chairman kompla jinforma lill-Kumitat li s-Sur Spiteri għan-nom tal-lukanda, infurmah verbalment, li l-bankina ta' faċċata tal-entratura prinċipali tal-lukanda kienet ser tiġi rranġata min-naħa tagħhom għas-spejjeż tagħhom.

## 6 Approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet

6.01 Iċ-Chairman ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi ‘ C ’) u ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

6.02 Il-Viċi-Chairman issekondah.

6.03 Il-Kumitat qabel unanimament.

## 7 Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

7.01 Iċ-Chairman ressaq il-Purchase Request Sheets minn Nru. 1 sa 7 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'D').

7.02 Il-Viċi-Chairman ippropona l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets minn Nru. 1 sa 7.

7.03 Iċ-Chairman issekondah.

7.04 Il-Kumitat qabel unanimament.

7.05 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni illi jista jkun hemm sitwazzjoni fejn minhabba n-natura ta’ l-ilment tingħata ordni mill-Kunsill biex isir xi xogħol.

7.06 Iċ-Chairman għalaq il-laqgħa fl-11.40 a.m.

**Richard Scicluna**
**Chairperson**

**Helen Walker**
**Segretarju Ezekuttiv**